# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **13 ta' Marzu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Simon Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Simon Borg, ta' 33 sena iben Amadeo Borg u Josephine xebba Caruana, imwieled il-Pieta`, nhar il-21 ta' Marzu, 1985 u residenti ġewwa The Podium Block G, Flat 4, Triq Ħal-Mula, Ħaz-Żebbuġ jew Garaxx mingħajr numru sitwat ġewwa Gwardamangia Hill, Pieta`, Detentur ta' karta tal-identita` 208085(M).

Akkużat talli:

1. bil-ħsieb li jagħmel delitt wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi prova jikkommetti serq għad-dannu ta' Alfred Attard, persuna anzjana, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 461037(M), liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta` tiegħu u liema serq li

kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329.37;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna anzjana ta' Alfred Attard, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 461037(M), hekk skond ma' ċċertifikat Dr. Sarah Debattista mill-Isptar Mater Dei, Msida u/jew diversi tobba oħra,

3. u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bħala persuna li kien jaf jew messu kien jaf li persuna anzjana jew adulta dipendenti u li taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx jikkawzaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentament ġiegħel jew ippermetta lil Alfred Attard detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 461037(M), bħala persuna anzjana adulta dipendenti ssofri, jew ġab fuq l-imsemmija persuna uġiegħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew xjentament ġiegħel jew ippermetta lil Alfred Attard bħala persuna anzjana jew adulta dipendenti jitqiegħed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tiegħu tkun f'periklu;

4. u aktar talli kkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta;

5. u finalment talli, fl-istess data, lok u fl-imsemmija ċirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Maġistrat Dr. Anthony Vella LL.D) b'digriet datat 27 ta' Marzu, 2018 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarju u kif ukoll taħt depożitu ta' €1,000 u garanzija personali ta'€5,000.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digrieti li bihom Simon Borg ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li s-somom bħala depożitu u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi

sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali rispettivi taz-zewg partijiet.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difiza.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Nhar it-22 ta' Ottubru 2018, ghal habta tal-10.15 a.m., il-Pulizija tal-Ghassa tal-Hamrun gew infurmati li sehh incident gewwa Triq Stiefnu Zerafa, il-Marsa. Il-Pulizija gew infurmati li persuna ta' sess maskili kien safa aggredit minn persuna ohra.

2. Malli l-Pulizija tad-distrett marru fuq il-post tal-incident sabu zewg Pulizija tar-Rapid Intervention Unit (RIU) li kienu qed izommu persuna, li irrizulta li kienet l-imputat f'dawn il-proceduri.

3. Skond investigazzjonijiet preliminari, Alfred Attard, anzjan ta' 81 sena kien qed jitkellem fuq il-bankina ma anzjan iehor, Alfred Schembri, meta hass lil xi hadd

imisslu l-but tal-lemin ta' wara tal-qalziet li kien liebes. Dak il-hin huwa dar lura sabiex jara min kienet il-persuna l-ohra, u ra persuna ohra ta' sess maskili li ma kienx jaf min hi, li mbuttah u waqa' ma' l-art u habat wiccu ma' l-art. Go dan il-but, Attard kellu kartiera bis-somma ta' €370.00 go fiha.

4. Wara li Attard qam mill-art, l-imputat allegatament ipprova jaggredieh, pero gie mizmum minn ragel pajzan ta' nazzjonalita Maltija li kienet ghaddej bil-karozza u meta nduna x'qed jigri waqqaf il-karozza, u ordna lill-imputat biex ma jiccaqlaqx minn fuq il-post. L-identita ta' dan ir-ragel baqghet mhux maghrufa.

5. L-imputat baqa' mizmum minn dan ir-ragel, sakemm waslu il-Pulizija tal-RIU, u eventwalment il-Pulizija tad-distrett, li arrestawh u fuq il-persuna tieghu instabu zewg boroz zghar li kien fihom sustanza hadranija.

6. Waslet ukoll ambulanza li hadet lil Attard l-Isptar Mater Dei ghal kura, fejn gie certifikat li kellu feriti ta' natura hafifa.

7. L-imputat gie eskortat lejn l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, fejn irrilaxxa stqarrija fejn qal li huwa ma kienx jiftakar x'gara, u stqarr li kien pejjep droga sintetika u ha xi pilloli aktar qabel ma sehh l-incident. Huwa stqarr li ma kienx il-hsieb tieghu li jwegga' lill-anzjan jew li jisirqu, u li ma kienx jaf x'gara ghax kien mitluf minn sensieh. Ammetta wkoll li s-sustanza hadraniija fiz-zewg boroz li nstbu fuqu kienet droga sintetika. Irrizulta wkoll li l-imputat ghandu l-problema tat-tossiko-dipendenza.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Qorti taqbel mad-difiza li l-ewwel ghandhom jigu ikkunsidrati l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, stante li huma relatati, u jekk ikun il-kaz, imbaghad ghandha titratta ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet separatament.

*L-Ewwel Tlett Imputazzjonijiet*

L-ewwel tlett imputazzjonijiet jinsabu fuq citati, u a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti m'hix ser terga' tirriproducihom. Dawn jikkoncernaw il-mertu ta' l-incident li allegatament sehh fit-22 ta' Ottubru 2018.

Alfred Attard xehed li waqt li kien qed jitkellem ma' Alfred Schembri *"hassejt min imissli l-but minn wara, fejn kelli l-flus, u mort indur nigri jiena, taf inti, inhsadt, u dort, saqajja jiena ma tantx huma tajbin, u wara li qed indur hassejt qisu imbuttatura minn wara u waqajt, gejt taht il-bankina, gejt wicci l'isfel u qsamt hawnhekk kollu.[1]"* Ix-xhud indika ghajnu x-xellugija. Xehed ukoll li meta qam, l-imputat kien se jmur ghalih: *"hassejtu qed jersaq lejja u gej ghalija hu ghax jiena bdejt nghajjat hu "ara x'ghamiltli!, Ara x'ghamiltli!". Bid-demm hiereg nipprova nzomm. Imbaghad il-Bambin ried inqala' ragel ma nafx minn fejn ... ... u qallu "Lil dak ha ssawwat?" Qallu. "Sawwat lili mela lil dak!. Miskin ragel anzjan." U hadu 'l hemm u qaghad mieghu u wara ftit nara lill-pulizija gejjin u l-ambulanza haduni l-isptar hu."[2]* Qal ukoll li waqt il-battibekk li nqala' bejnu u bejn l-imputat, Alfred Schembri dahal bejniethom biex jipprova jzomm lill-imputat.

Attard qal ukoll li f'dan l-incident, hu ma kien naqaslu xejn *"la mill-but, gizirajjen ma kellix u lanqas crieket hu."[3]*

Ix-xhieda ta' Attard hija kkorrobota bix-xhieda ta' Alfred Schembri li xehed li ra lill-imputat jaqbad lil Attard minn wara u jitfghu fl-art. Hu kompla jghid li hu mar fuq l-imputat biex izommu, sakemm inqala' ragel li ordna lill-imputat joqghod bil-qieghda fl-art.[4]

---

[1] Ara fol. 73 tal-process.
[2] Ara fol. 73 tal-process.
[3] Ara fol. 74 tal-process.
[4] Ara fol. 70. tal-process.

L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat hija dik ta' tentattiv ta' serq aggravat. L-Artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "*Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati .... jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi.*"

Fin-Noti tieghu, il-**Prof. Anthony Mamo** jghid li *"three elements are essential to constitute a criminal attempt, that is to say –*

1. *an overt act manifesting the intent to commit a crime;*
2. *a commencement of the execution of the crime; and*
3. *the non-completion of the crime by reason of accidental circumstances, independent of the will of the offender"*[5]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid li huwa dibattibbli kemm verament l-imputat jista' jitqies li f'xi hin jew iehor wera l-intenzjoni li jikkometti s-serq. Id-difiza tissottometti hekk *"Fl-ebda mument ma seta jigi determinat li l-imputat kien ifforma l-intenzjoni li jikkometti xi delitt specifiku, u ghalhekk, abbazi ta' dan huwa qatt ma jista' jigi misjub hati ta' attentat ta' serq bi gravanzi ta' valur u vjolenzja, propju ghaliex ma kien hemm l-ebda azzjonijiet manifestati li jindikaw il-hsieb u l-eghmil tas-serq. ... ... Imkien ma tista' tinstab konferma li l-imputat dahhal idejh fil-but tal-vittma biex jehodlu dak li kellu fil-but. Il-kartiera li kienet tinsab fil-but tal-qalziet tal-vittma, baqghet il-hin kollu hemhekk, fil-but tal-qalziet, b'dak kollu li kellu fiha. Dan gie konfermat mix-xhieda tal-istess vittma."*

Bazikament l-imputat jikkontendi li fil-mument li l-vittma dar fuqu ma jistax jinghad li hu kien ghamel atti esterni li juru l-intenzjoni tieghu li jisraq lill-vittma u li kien ghad hemm il-bidu ta' l-ezekuzzjoni tad-delitt rikjesti ghall-fini tal-Artkolu 41 ta' Kodici Kriminali, u li ghalhekk sa dak il-mument l-att, kommess minnu, u cioe li mess il-but tal-qalziet tal-vittma, ma kienx jindika xi intenzjoni li jikkometti serq.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Godfrey Ciangura** deciza fl-10 ta' Gunju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] osservat hekk:

[5] Ara **Lectures in Criminal Law (First Year)** fol. 108.
[6] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*"… … (F)uq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghall-bidu ta' l-ezekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it-teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. Bizzejjed wiehed jaghmel referenza ghall-esposizzjoni qasira ta' xi whud minn dawn it-teoriji li jaghti l-gurista Luigi Majno fl-opra tieghu* ***Commento al Codice Penale Italiano*** *U.T.E.T. (Torino), 1924, Vol. 1, para 293; hekk ukoll Francesco Antolisei fl-opra* ***Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*** *Giuffre` (Milano), 1989, pagni 420-422. Fil-fatt, pero`, il-qrati taghna, ghalkemm spiss ghamlu referenza ghal xi whud minn dawn it-teoriji, qatt ma intrabtu ma xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista' tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta` il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista' aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-analizi tal-fatti li jkunu rrisultaw fl-isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm it-tentattiv, milli billi jintrabat ma' xi teorija partkolari. Din il-linja ta' pratticita` giet proposta, fost ohrajn, mill-gurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:*

***Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l'insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecutivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerente al reato, e` messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio dell'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e` "propria" di ciascun delitto della relativa fattispecie e, quindi, cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l'"inizio" e pone in essere l'atto esecutivo.***[7]*"* (enfasi ta' dik il-Qorti).

Kaz b'fattispecje analogi ghal dak odjern, li wkoll kien jittratta imputazzjoni ta' tentattiv ta' serq aggravat, huwa dak deciz bis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb** fit-22 ta' Frar 1993, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] rriteniet hekk:

*"Il-kompitu ta' din il-Qorti effettivament jirrisolvi ruhu fl-ezercizzju li trid tiddeciedi jekk l-agir ta' l-imputat kienx jammonta jew le ghall-bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt. Din il-Qorti hi tal-fehma illi sakemm l-imputat baqa' jhabbat biss fuq il-bieb u jcempel il-qanpiena, jista' jkun li kien ikun hemm dubbju dwar jekk sa dak l-istadju biss kienux jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex ikun hemm it-tentattiv tas-serq, u din il-Qorti hija propensa li*

[7] *Antolisei, F., op. cit. pp. 421-422*
[8] *Per* Imhallef Carmel A. Agius.

*tghid li f'dawk ic-cirkostanzi kienet issibha difficli biex tasal ghal konkluzjoni li kien jissussisti t-tentattiv. Pero l-imputat mar oltre billi wara illi cempel il-qanpiena diversi drabi u anke habbat u sabbat mal-bieb tad-dar imsemmija, huwa mar jipprova jisforza biex jiftah it-tieqa u kien f'dan il-mument illi lemah u gie identifikat minn Adriana Debono. Fil-fehma ta' din il-Qorti malli l-imputat mess it-tieqa, ma setax ikun hemm aktar dubbju li kien oltrepassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji minn dawk li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt. F'dan il-kaz, it-tbaghbis mat-tieqa kien certament fatt li jikkostitwixxi fih innifsu bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma giex ezegwit minhabb l-accidentalita tal-fatt li inzerta li kien hemm god-dar wara l-istess tieqa Adriana Debono, li malli raha, l-imputat harab.*

*Ic-cirkostanzi f'dan il-kaz jitkellmu wahedhom. Huwa inutile illi l-imputat jissottometti illi l-istess cirkostanzi huma tali illi minnhom m'ghandux jigi dedott l-intenzjoni tieghu kienet li jisraq. M'hemm assolutament xejn aktar fil-process li jista' jaghti hjiel jew l-icken indikazzjoni li seta kien hemm xi intenzjoni ohra … …"*

Meta l-Qorti tapplika dan l-insenjament f'dawn iz-zewg sentenzi ghall-fattispecje tal-kaz odjern, m'ghandhix fejn tmur. L-imputat qed jigi akkuzat b'attentat ta' serq fil-forma ta' dak komunement maghruf *"pickpocketing"* – li wiehed jisraq, normalment kartiera, minn go but ta' qalziet, gakketta jew basket ta' persuna li tkun ghaddejja ghall-affari taghha fi triq jew tkun f'xi post iehor pubbliku, u jitlaq jigri. Minnu nnifsu dan it-tip ta' serq, ma jirrekjedix xi preparazzjonijiet partikolari. Normalment il-halliel lanqas ikollu f'mohhu xi vittma partikolari, pero jara persuna f'post pubbliku, li jiddeciedi dak il-hin li din il-persuna ghandha xi haga tal-flus fuqha, u ghal xi raguni jew ohra hija persuna vulnerabbli, li wiehed jista' jisraqha malajr. L-iktar haga importanti biex dan it-tip ta' serq jirnexxi hija l-agilita li jkollu l-halliel, biex jisraq lill-vittma tieghu fi ftit sekondi minghajr ma jaghti cans lill-vittma tinduna jew tirreagixxi, u imbaghad jitlaq jigri.

Issa fil-kaz odjern il-vittma Alfred Attard kien konsistenti fil-versjonijiet li ta kemm lill-Pulizija, lil Dottor Sarah Debattista, it-tabiba tat-Taqsima tal-Emergenza tal-isptar, kif ukoll lil din il-Qorti, li waqt li kien qed ikellem lil Schembri hass lil xi hadd imisslu l-but ta' wara tal-qalziet, fejn kellu l-kartiera bil-flus, u dar u sab lill-imputat. Effettivament Dottor Sarah Debattista xehdet hekk *"U l-pazjent qalli li kien hiereg mid-dar, kien sejjer passiggata meta*

*xi hadd, hass id xi hadd gol-but tieghu u gie imbuttat ghal mal-art … …"*[9] (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, li anke kellha l-opportunita li tisma' lix-xhud jixhed quddiemha, m'ghandhix dubbju li dan ix-xhud kien qed jghid il-verita.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, malli l-imputat mess il-but ta' wara tal-qalziet tal-vittma – anke jekk ghal grazzja tal-argument biss hija tinjora x-xhieda ta' Dottor Debattista li tghid li Attard qalilha li l-imputat dahhal idejh fil-but - ma jistghax ikun hemm aktar dubbju li l-imputat oltrepassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji – jekk wiehed jista' jitkellem fuq atti preparatorji f'kaz ta' serq fil-forma ta' *pickpocketing* – minn dawk li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq, liema serq ma giex ezegwit minhabba l-accidentalita tal-fatt li l-imputat ma kienx hafif bizzejjed biex jigbed il-kartiera mill-but tal-vittma, u l-vittma hassu jmissu u dar biex jara x'kien qed jigri u sab ma wiccu lill-imputat.

Ic-cirkostanzi f'dan il-kaz jitkellmu wahedhom. Huwa inutili illi l-imputat jissottometti illi l-istess cirkostanzi huma tali illi minnhom m'ghandux jigi dedott illi l-intenzjoni tieghu kienet li jisraq. M'hemm assolutament xejn aktar fil-process li jista' jaghti hjiel jew l-icken indikazjoni li l-imputat kellu xi intenzjoni ohra meta mess il-but tal-qalziet tal-imputat. Ovvjament, peress li l-imputat huwa akkuzat biss b'tentattiv ta' serq, il-fatt li effettivament ma rnexxielu jisraq xejn huwa totalment irrelevanti.

Ix-xhieda tal-vittma li kellu madwar €350.00 fi flus kontanti fil-kartiera li kienet se tigi misruqa ma giet bl-ebda mod kontradetta, u ghalhekk l-aggravvju tal-valur gie debitament ippruvat.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, id-difiza tikkontesta l-aggravju tal-vjolenza, u cioe li l-imputat imbotta lill-vittma. Id-difiza qed is-serrah l-argumenti taghha fuq il-fatt li x-xhud Francis Cardona, li kien fil-garaxx tieghu gewwa l-istess triq tal-incident jaghmel xoghol relatat mas-sengha tieghu ta' skarpan, xehed li ra lill-vittma u lil Schembri jitkellmu u qal hekk *"Narah dan il-vittma narah jerbula lura sewwa u l-iehor beda jzommu nahseb hux"*[10] Jghid ukoll li hu haseb li l-vittma hassu hazin.

---

[9] Ara fol. 61 tal-process.
[10] Ara fol. 126 tal-process.

Id-difiza tissottometti li likieku kien hemm, hekk kif allegat, attentat ta' serq f'dak il-mument u vjolenza bejn il-vittma u l-allegat aggresur, dan ix-xhud kien jara tali azzjonijiet ukoll. Id-difiza donna nsiet li meta hi staqsiet lill-istess Francis Cardona jekk il-vittma waqax wahdu, Cardona xehed li hu ma kienx jaf x'gara ghax kien wara l-bieb bil-qieghda fuq siggu bil-magna tal-hjata quddiemu. Fil-fatt in kontro-ezami tieghu jinghad hekk:[11]

| | |
|---|---|
| *"Avukat:* | *Issa dan il-persuna li inti rajt jarbula lura taf kif waqa? Le ghax ma rajtux.* |
| *Xhud:* | *Le ma rajtux. Ghax jiena l-posizzjoni fejn kont jiena, bil-qieghda fuq is-siggu bil-magna tal-hjata quddiemi wara l-bieb tal-garaxx voldieri, ma rajt xejn.* |
| *Avukat:* | *Ma stajt tara xejn. Jigifieri inti x'gara ma tafx.* |
| *Xhud:* | *Xejn, emminni xejn. Xejn affattu."* |

Fid-dawl ta' din ix-xhieda l-argument tad-difiza, jisfuma fix-xejn.

Id-difiza wkoll tissottometti li l-vittma xehed li saqajh mhux tajbin, u li waqt li qed idur hass *"qisu imbuttatura minn wara"* u waqa'. Skond id-difiza din ix-xhieda m'hix bizzejjed biex jigi ippruvat fil-kamp kriminali l-aggravju tal-vjolenza. Pero kif diga inghad, ix-xhieda ta' Alfred Schembri li xehed li ra lill-imputat jaqbad lil Attard minn wara u jitfghu fl-art, u Schembri u Attard kienu qed jitkellmu wicchom faccata ta' xulxin.

In oltre, l-vittma xehed li meta qam minn ma' l-art l-imputat mar biex jaggredih, u Schembri dahal bejniethom. Dan hu konfermat ukoll mix-xhieda ta' Schembri.

Kieku l-imputat baqa' hemm kalm tul l-incident, u ma kien hemm ebda forma ta' aggressjoni, kif ippruvat taghti l-impressjoni d-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, allura huwa inspjegabbli ghaliex ragel estraneu, li inzerta kien ghaddej isuq ghall-affari tieghu mill-istess triq, deherlu li kellu jwaqqaf isuq hesrem, jinzel jigri mill-vettura tieghu u jaghmel dak li x-xhud Cardona sejjah "xoghol polizjesk" u cioe li jmur fuq l-imputat u jordnalu biex ma jiccaqlax sakemm tigi l-pulizija.[12] Huwa ovvju li dan ir-ragel estraneu – li ismu baqa' mhux maghruf - ghamel hekk ghax waqt li kien qed isuq induna li l-imputat kien qed jaggredixxi lill-vittma, ragel anzjan ta' 81 sena, u ma hamilx ihallih ikompli. L-imputat baqa' fil-post mhux voluntarjament, kif tipprova taghti x'tifhem id-difiza, imma ghax beza' minn dan ir-ragel terz li hareg ghalih.

[11] Ara fol. 128 tal-process.
[12] Ara fol. 129 tal-process.

In oltre, mix-xhieda tal-Pulizija tal-RIU, li waslu l-ewwel fuq il-post, PC 1189 Jurgen Falzon u PC 1421 Bernard Sciberras, jirrizulta li meta waslu huma l-imputat kien cirkondat b'cirka ghoxrin (20) persuna – li ovvjament kien impossibli ghall-imputat li jipprova jahrab f'dawk ic-cirkostanzi. PC 1189 Jurgen Falzon xehed hekk *"In-nies li qalu li rawh ihebb ghax-xih u kienu zammewh huma biex ma jahrabx, qalu li prova jahrab minn fuq il-post u zammewh."*[13] Sfortunatament, dawn in-nies, inkluz il-persuna li ghamlet l-*"att polizjesk"* telqu minn fuq il-post, sakemm il-Pulizija tal-RIU arrestaw lill-imputat, li irrezista ftit l-arrest, u wiehed baqa' ghassa mieghu, l-iehor cempel ghall-ambulanza.

Ghal kull buon fini, jigi rilevat li fil-ligi Maltija, ir-regola li tipprojbixxi l-*hearsay evidence* mhix wahda assoluta imma hija soggetta ghal diversi eccezzjonijiet (ara l-Artikoli 588 u 589 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rezi applikabbli ghal proceduri kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kapitolu 9). Fil-fatt l-Artikolu 589 tal-Kapitolu 12 jippreskrivi hekk: *"Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, ... ..."*[14] Huwa ghal din ir-raguni li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll – flimkien mal-provi l-ohra akkwiziti – dak li n-nies qalu lill-Pulizija tal-RIU malli dawn waslu fuq il-post tal-incident in kwistjoni.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni fuq esposti, ma hemmx dubbju li l-aggravju tal-vjolenza gie debitament ippruvat mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

It-tieni imputazzjoni, u cioe li l-imputat ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna anzjana ta' Alfred Attard, giet debitament ippruvata ghar-ragunijiet fuq moghtija, kif ukoll kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dottor Sarah Debattista u c-certifikat mediku minnha rilaxxat, minn fejn jirrizulta li l-vittma kellu grif u nefha madwar ghajnu tax-xellug. Fix-xhieda taghha, Dottor Debattista tghid li dawn il-griehi huma kompatibbli ma' dak li qalilha l-vittma li kien gie mbuttat ghal mal-art.

---

[13] Ara fol. 96 tal-process.

[14] Ara fost ohrajn is-sentenzi **John Mary Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-13 ta' Jannar 1988 mill-Qorti Kostituzzjonali, u **Anthony Mifsud vs Victor Calleja** deciza fid-9 ta' Jannar 2008 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri).

Rigward it-tielet imputazzjoni, gie debitament ippruvat li l-imputat xjentement ikkaguna lill-vittma Alfred Attard, persuna anzjana ugiegh fiziku u tbatija mentali, kif ukoll pogga l-persuna ta' Alfred Attard u s-sahha tieghu f'perikolu. Meta l-imputat imbotta lil Attard ghal mal-art, kien xjenti li poggielu sahhtu f'perikolu, stante li huwa notorju li waqa' mal-art ta' persuna anzjana jista' jkollha konsegwenzi gravi hafna, apparti ovvjament l-effetti negattivi psikologici.

Fid-dawl tas-suespot, l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat gew debitament ippruvati.

*Ir-Raba' u l-Hames Imputazzjonijiet*

Dawn l-imputazzjonijiet huma konsegwenzjali ghal fatt li l-imputat instab hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Ir-raba' imputazzjoni hi li l-imputat ikkometta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta. Fil-bidu ta' dawn il-proceduri, l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa sentenza moghtija fit-8 ta' Jannar 2018, minn din il-Qorti, diversament preseduta, fejn l-imputat instab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u inghata sentenza ta' prigunerija sospiza.

Fuq talba tad-difiza in kontro-ezami, l-Ufficjal Prosekutur ivverifika jekk l-imputat kienx appella minn din is-sentenza, u fil-fatt sussegwentement l-Ufficjal Prosekutur xehed li wara li ghamel il-verifiki necessarji, irrizultalu li fil-fatt l-istess sentenza kienet giet appellata mill-imputat, u l-appell ghadu pendenti.

Ghalkemm ma ngabet l-ebda prova li l-imputat talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' din is-sentenza pendenti l-proceduri tal-appell ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kodici Kriminali, l-Ufficjal Prosekutur stess ammetta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, li din il-Qorti ma tistax issib htija fuq din ir-raba' imputazzjoni.

Il-hames imputazzjoni hija li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta, b'digriet tas-27 ta' Marzu 2018, fejn inghata il-helsien mill-arrest pendenti proceduri kriminali ohrajn, b'diversi kondizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat ta' natura volontarja u kif ukoll taht depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €5,000.[15]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza targumenta li *"sa dan il-mument l-imputat hi persuna prezunta innocenti u ghalhekk f'dan l-istadju ma tistax titqies bhala wahda li kkommettiet tali reat/i u allura qatt ma tista' tigi kkunsidrata li kissret xi kundizzjoni/jiet moghtija mid-digriet li jissemma fil-hames akkuza."*

Din il-Qorti tghid bla ebda ezitazzjoni li dan l-argument huwa semplicement wiehed frivolu u vessatorju. Ghar-ragunijiet fuq moghtija, din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema t-tlieta huma reati ta' natura volontarja. Konsegwentement ghal fini ta' din is-sentenza ta' din il-Qorti, l-imputat mhux talli mhux prezunt innocenti tal-ewwel tlett imputazzjonijiet, talli din il-Qorti ser tiddikjarah hati tal-istess tlett imputazzjonijiet.

Mill-fatt li l-imputat instab hati kif fuq inghad isegwi logikament, li l-imputat kiser ir-raba' (4) kundizzjoni fid-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest imsemmi, u cioe li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, bil-konsegwenzi li dan il-fatt igib mieghu skond l-istess digriet.

Huwa vera li skond il-ligi, l-imputat ghandu kull dritt jappella mis-sentenza ta' din il-Qorti, u jekk l-imputat jiddikjara li se jappella, l-esekuzzjoni ta' din is-sentenza kollha tigi awtomatikament sospiza, peress li l-imputat jinsab taht arrest preventiv (ara l-Artikolu 416(3) tal-Kodici Kriminali). Pero, dan certament ma jfissirx li f'din is-sentenza, din il-Qorti ma tistax tiddeciedi imputazzjoni li l-imputat kiser wahda mill-kundizzjonijiet tad-digriet ta' helsien mill-arrest, konsegwenza tal-fatt li tkun sabitu hati ta' reati ta' natura volontarja.

Ovvjament, fl-eventwalita li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma taqbilx mal-konkluzjonijiet raggunti minn din il-Qorti li l-imputat hu hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontrih,

[15] Ara Dok RV9 a fol. 57 tal-process.

u tirrevokaha, isewgi logikament li tigi revokata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-konkluzjoni ta' din il-Qorti li l-imputat kiser wahda mill-kundizzjonijiet tad-digriet ta' helsien mill-arrest in kwistjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni dedotta kontrih, u se taghti l-ordnijiet konsegwenzjali.

*Ir-Recediva*

L-addabitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, gie debitament ippruvat bis-sentenzi ipprezentati mill-Ufficjal Prosekutur, moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, u cioe dik tad-19 ta' Gunju 2018 u dik tal-11 ta' Ottubru 2010.[16]

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, r-reati kontemplat fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ghandhom jigu assorbiti fir-reat ta' tentattiv ta' serq aggravat taht l-ewwel imputazzjoni. Dan ghaliex hemm il-konkors formali jew ideali bejn l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali raffrettarja tal-imputat. Huwa ghandu 6 kundanni minn dawn il-Qrati: tnejn relatati ma ksur tal-ligijiet tas-sewqan, kundanna ghal pussess semplici tad-droga eroina, u zewg kundanni li fihom gie ikkundannat ghal total 13-il serqa aggravata differenti, u li fil-kaz ta' kull serqa ikkaguna hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor. Pero irid jinghad ukoll li s-sentenza tat-8 ta' Jannar 2018 (fil-fedina penali indikata erronjament 18 ta' Jannar 2018), li sabitu hati ta' tminn (8) serqiet aggravati differenti u l-konsegwenzjali reati ta' hsara volontarja giet appellata mill-imputat, u ghadha pendenti fl-appell.

Mix-xhieda u r-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud jirrizulta li l-imputat ghandu l-problema tat-tossiku dipendenza. Huwa inghata diversi opportunatijiet mill-Qrati sabiex

[16] Ara fol. 104 *et seq.* tal-process.

jitbieghed mid-dinja tal-kriminalita u jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga. Fil-fatt huwa inghata liberta kundizzjonata, sentenza ta' prigunerija sospiza b'ordni ta' supervizjoni, liema sentenza sospiza giet estiza darbtejn, u ordni ta' probation. Pero, huwa ma gharafx jizufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet, u dejjem rega' waqa' lura ghat-triq tal-kriminalita u tal-abbuz tad-droga.

Fil-bidu ta' dawn il-proceduri din il-Qorti kienet ordnat li l-imputat jitpogga taht Ordni Provvizorja ta' Supervizjoni. L-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud, li kienet qed issegwih, infurmat lil din il-Qorti li hija ilha tahdem mal-imputat mis-sena 2010, meta kien tpogga taht ordni ta' supervizjoni ghall-ewwel darba. Fir-rapport taghha tal-15 ta' Novembru 2018, l-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud qalet *inter alia* hekk:

*"Ricentement fl-24 ta' Lulju 2018 Simon Borg dahal gewwa Dar l-Impenn u sussegwentement fis-26 ta' Lulju 2018 dahal gewwa x-Shelter tal-Caritas, liema Shelter kien preparazzjoni ghall-programm ta' riabilitazzjoni. Fis-27 ta' Lulju 2018, l-Ufficjal tal-Probation ghamlet zjara lill-imputat gewwa x-Shelter tal-Caritas, fejn Simon Borg irrimarka li ghandu interess u motivazzjoni sabiex jindirizza l-abbuz tad-droga li ghandu. Fl-24 ta' Settembru 2018, l-Ufficjal tal-Probation giet infurmata mill-Head tas-Shelter Jesmond Abela li l-imputat telaq mix-Shelter fis-26 ta' Awwissu 2018. Jesmond Abela sostna li l-imputat kulma kien ghad baqghalu sabiex jibda programm ta' riabilitazzjoni kienu ftit granet. Wara li l-imputat ghazel li jitlaq minn gewwa x-Shelter, l-Ufficjal tal-Probation kienet tilfet kull kuntatt mal-imputat. ... ...*

*Is-sitwazzjoni turi li l-imputat ghandu bzonn jaghmel program ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga b'mod immedjat. Sabiex dan il-programm isehh, l-imputat irid ikun mizmum gewwa Facilita sabiex b'hekk ma jkunx hemm riskji li huwa jitlaq kontra l-ebda parir professjonali. Simon Borg inghata diversi opportunitajiet minn diversi Qrati differenti, biss huwa dejjem ghazel it-triq tad-droga."*[17]

Fl-ahhar rapport taghha, u cioe dak tas-27 ta' Frar 2019, l-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud infurmat lill-Qorti li l-imputat ghadu qed juri dispjacir kbir talli qatt ma ha responsabbilita fir-riabilitazzjoni tieghu. Huwa ghadu jittama li jitla' program ta'

[17] Ara fol. 83 tal-process.

riabilitazzjoni minhabba li jixtieq jindirizza l-problema tad-droga. L-imputat qed jattendi sessjonijiet gewwa l-Facilita Korretiva ta' Kordin mal-psikologa Theresa Attard. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet li l-imputat ghandu bzonn jaghmel programm ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga b'mod immedjat, kif ukoll ikompli jahdem fuq l-*issues* psikologici u ta' sahha mentali li huwa ghandu.

Jibda biex jinghad li l-imputat ilu circa tminn (8) jahli l-hin u r-rizorsi tal-Ufficjal tal-Probation biex forsi jikkonvinci ruhu li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni, li tant jehtieg. Ghalkemm mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li ghamel xi zmien stabbli, huwa rega' spicca biex jaghzel it-triq tad-droga u l-kriminalita. Il-Qorti m'ghandhix dubbju l-imputat hu ben konsapevoli tal-fatt li jekk jinsab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, il-piena massima applikabbli hija ta' snin ta' prigunerija effettiva, u dan igieghla jkollha dubbji serji dwar il-motivazzjoni tieghu illum li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni. Dan aktar u aktar, meta seba' (7) xhur biss ilu, hu qabad u telaq mix-shelter tal-Agenzija Caritas fejn kien ilu xahar jaghmel kors preparatorju, ftit granet biss qabel kellu jibda program ta' riabilitazzjoni, minghajr lanqas biss informa b'dan lill-istess Ufficjal tal-Probation, kif kien obbligat li jaghmel.

Din il-Qorti lanqas tista' tinjora s-serjeta tar-reati li taghhom l-imputat instab hati. L-imputat ma qaghad jahsibha xejn biex jipprova jisraq anzjan ta' 81 sena, u meta dan jaqbdu *in flagrante delicto*, jimbuttah mal-art, u wara jipprova jaggredih. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Costantino Felice et**, deciza fit-22 ta' Awwissu 2007, li wkoll kien jirrigwarda attentat ta' serq aggravat fuq anzjani, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[18] osservat hekk:

*"Umbaghad il-fatt li dak li jkun jisraq ghax ikollu l-vizzju tad-droga, zgur ma jistax jittiehed bhala fattur attenwanti. Ma jistax ikun li l-Qrati jaslu ghall-assurdita' legali li l-kommissjoni ta' reati gravissimi bhal ma huma l-pussess jew l-ipprokurar tad-droga jservu bhala skuzanti jew attenwanti ghall-reati ohra serji bhal ma huma s-serq kwalifikat u l-vjolenza.*

*Umbaghad jekk l-appellati qed jaghmlu xi sforzi biex jirriformaw ruhom, dan ser ikun ta' gid ghalihom l-aktar, imma ma jista' jservi qatt biex tigi stultifikata l-ligi kriminali li qieghda*

[18] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*hemm biex fl-ewwel lok u qabel kollox tittutela d-drittijiet tac-cittadin minn agir aggressiv u spjetat bhal dak li urew l-appellati f' dan it-tentattiv ta' serq."*

Huwa vera li l-agir tal-imputat fil-kaz odjern kien inqas aggressiv minn dak fis-sentenza fuq citata, pero l-agir tal-imputat fuq anzjan, li fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati. Fl-opinjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena ghandha tkun wahda ta' habs effettiv.

Issa bl-applikazzjoni tal-Artikoli 274(c), 276A u 277(a) tal-Kodici Kriminali, il-piena ghar-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza konsistenti f'ferita hafifa, maghmul fil-konfront ta' persuna li tkun ghalqet is-sittin sena u akkompanjat bil-kwalifika tal-valur, tkun dik ta' minn tlett (3) snin sa sitt (6) snin jekk il-piena tizdied bi grad u ta' erba' (4) snin sa disa' (9) snin jekk tizdied b'zewg gradi w ma tinghatax fil-minimum taghha. Dan ifisser li, ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali, mal-minimum ta' tlett (3) snin irid jizdied it-terz (1/3) tad-differenza bejn il-minimu bla aggravanti (2 snin) u l-massimu (5 snin) = seba' (7) snin divizi 1/3 = sentejn u erba' xhur. Ghalhekk il-minimu ghar-reat kkunsmat hu ta' hames (5) snin u erba' (4) xhur.

Il-fatt li skond l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali, il-piena ghal tentattiv ta' delitt hija il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa bi grad jew żewġ gradi huwa newtralizzat bil-fatt li l-imputat instab hati li hu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-istess Kodici, u ghalhekk il-piena ghandha tizdied bi grad jew tnejn, ghax l-imputat diga ghandu kundanna ohra ghar-reat ta' serq.

Konsegwentement, l-inqas piena possibbli u erogabbli ghall-ewwel imputazzjoni hija ta' hames (5) snin u erba' (4) xhur prigunerija. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li m'ghandhix taghti piena ghola mill-minimu applikabbli.

Rigward il-hames imputazzjoni u cioe, il-ksur ta' kundizzjoni tad-digriet ghal helsien mill-arrest, ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, il-piena applikabbli hija dik ta' piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena ta' prigunerija fil-minimu permessibbli skond il-ligi, u cioe

erba' xhur, huwa kastig adegwat ghall-imputat. Bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni (artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali 9), l-imputat ghandu jigi ikkundannat ghal terz sa' nofs ta' din il-piena minima ta' erba' xhur, u l-Qorti hija tal-opinjoni li ghandu jigi ikkundannat ghal xahrejn prigunerija ohra, apparti li l-ammont stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. issib lill-imputat mhux hati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tieghu u qed tilliberah minnha;

2. Wara li rat l-artikoli 20, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 221(1)(a), 222A, 257C(1) u (2)(b), 261(a) u (c), 262(1)(a), 267, 274(c), 276A, 277(a), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, kif ukoll tal-aggravanti li hu recediv, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' hames (5) snin u erba' (4) xhur.

3. Wara li rat l-Artikolu 579(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni dedotta kontrieh, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' xahrejn (2). Ghalhekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' hames (5) snin u sitt (6) xhur prigunerija effettiva, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn il-proceduri kriminali.

4. In oltre, l-Qorti tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta' l-ghoti mill-helsien mill-arrest tas-27 ta' Marzu 2018 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dott. Anthony Vella, u tordna l-arrest mill-gdid tieghu.

5. Il-Qorti tordna wkoll li d-depozitu ta' elf Euro (€1,000.00) stabbilit fid-digriet fuq imsemmi jghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u tordna lill-imputat ihallas lill-Gvern ta' Malta il-garanzija personali ta' hamest elf Euro (€5,000.00) stabbilita fid-digriet fuq

imsemmi, u fin-nuqqas dan l-ammont, jew kull bilanc minnu dovut, jigu konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skont il-ligi.

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li l-hati ghandu l-vizzju tal-abbuz ta' droga, ghal kull azzjoni li jidhrlu li ghandu jiehu fir-rigward.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**